Conference
on the **Future**
of **Europe**



# Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

## Panel taċ-Ċittadini Ewropej 3: "**Tibdil fil-klima u l-ambjent / Saħħa**"

**Rakkomandazzjonijiet**

Ritratt © L-Unjoni Ewropea, 2021 – EP/Kenton Thatcher

# Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa
# Panel taċ-Ċittadini Ewropej 3:
# "Tibdil fil-klima u l-ambjent / Saħħa"

## RAKKOMANDAZZJONIJIET ADOTTATI MILL-PANEL (LI GĦANDHOM JITRESSQU QUDDIEM IL-PLENARJA)

## Stream 1: Modi aħjar ta' għajxien

### Substream 1.1 Stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa

1. **Nirrakkomandaw li l-UE tipprovdi sussidji għall-biedja organika, inkluż inċentivi għall-pestiċidi organiċi, biex il-prodotti organiċi jsiru aktar affordabbli. Barra minn hekk, l-edukazzjoni għall-bdiewa fil-biedja organika u sostenibbli jeħtieġ li tiġi appoġġata mill-UE u l-biedja monokulturali għandha tiġi evitata. L-azjendi agrikoli organiċi żgħar, l-azjendi agrikoli mhux intensivi u dawk bi ktajjen ta' provvista qosra għandhom jingħataw appoġġ biex isiru aktar kompetittivi.**

   Is-sussidjar ta' prodotti organiċi jtejjeb l-affordabbiltà tagħhom. Għandna ngħinu lis-supermarkets bi ktajjen ta' provvista iqsar u nappoġġaw lill-bdiewa b'azjendi agrikoli iżgħar b'opportunitajiet biex ibigħu l-prodotti tagħhom. Dan jippermetti li jkun hemm aċċess għal prodotti aktar friski. Barra minn hekk, il-prezzijiet baxxi tal-prodotti mhux organiċi ma jirriflettux il-ħsara li jistgħu jagħmlu.

2. **Nirrakkomandaw li l-innovazzjoni fil-biedja vertikali tkun appoġġata minn investimenti mill-UE.**

   Il-biedja vertikali tippermettilna niffrankaw l-ispazju tal-art, li minflok jista' jintuża għall-forestrija. Il-fatt li ma tirrikjedix pestiċidi jippermettilna nipproduċu aktar ikel organiku. Barra minn hekk, mhijiex affettwata minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, li qed isiru dejjem aktar komuni bħala riżultat tat-tibdil fil-klima, u tippermetti ktajjen tal-provvista iqsar.

3. **L-UE għandha tistabbilixxi standards minimi għall-kwalità tal-ikel, kif ukoll għat-traċċabbiltà tal-ikel u l-użu tal-ikel staġjonali fil-canteens tal-iskejjel.**

**Għalhekk għandhom jiġu ssussidjati ingredjenti tajbin għas-saħħa għall-canteens tal-iskejjel biex jiġi żgurat ikel affordabbli u ta' kwalità għolja għall-istudenti.**

Meta nkunu għadna żgħar niffurmaw drawwiet li jaffettwaw l-attitudnijiet tagħna lejn is-saħħa. Għalhekk għandhom jiġu mħeġġa drawwiet tajbin fl-iskejjel u l-istudenti jistgħu jkomplu jużaw id-drawwiet li jkunu tgħallmu fid-djar tagħhom. Din hija wkoll kwistjoni ta' ġustizzja soċjali: kulħadd fl-UE għandu jkollu d-dritt għal ikel tajjeb fl-iskejjel.

4. **Nirrakkomandaw li jsir investiment f'korsiji ġodda għaċ-ċiklisti u fit-titjib ta' dawk eżistenti biex iċ-ċikliżmu jsir sikur u attraenti. Niżguraw li t-taħriġ dwar ir-regoli tat-traffiku fit-toroq għall-gruppi ta' kull età jkun disponibbli b'mod wiesa' fl-Ewropa kollha, speċjalment għar-roti elettriċi u għal dawk li m'għandhomx liċenzja tas-sewqan. Il-produtturi tar-roti elettriċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar l-użu u r-riskji ta' dawn ir-roti. Nagħtu protezzjoni legali liċ-ċiklisti fil-każ ta' aċċidenti mal-vetturi (ara r-regolament Olandiż). Aħna nappoġġaw żoni ddedikati ħielsa mill-karozzi fil-bliet (mingħajr ma ssir ħsara liż-żoni kummerċjali). B'mod ġenerali, nagħtu prijorità u aktar drittijiet liċ-ċiklisti u lill-persuni mexjin aktar milli lill-vetturi bil-mutur filwaqt li niggarantixxu s-sikurezza fit-toroq u f'konformità mar-regoli tat-traffiku.**

   Dan huwa importanti minħabba li ċ-ċikliżmu għandu benefiċċji għas-saħħa individwali u pubblika, għall-kwalità tal-arja, għal-livelli tal-istorbju, għall-klima u għat-traffiku intern tal-bliet. Iċ-ċiklisti u l-persuni mexjin għandhom bżonn iħossuhom sikuri, filwaqt li jitqiesu r-riskji miż-żieda fl-użu tar-roti elettriċi. Xi kultant m'hemmx biżżejjed korsiji għaċ-ċiklisti jew inkella jkunu ta' kwalità ħażina.

5. **Nirrakkomandaw li l-produzzjoni tal-ikel issir parti mill-edukazzjoni pubblika. Nissussidjaw u nappoġġaw il-ħolqien ta' ġonna fl-iskejjel, jekk ikun fattibbli, u proġetti ta' ġardinaġġ urban għal spazji pubbliċi u privati. Il-ħtieġa għall-ispazju, għall-ilma u għall-infrastruttura ta' appoġġ jeħtieġ li tkun parti mill-oqfsa tal-ippjanar urban. Pereżempju, l-ispazji li qabel kienu parkeġġi jistgħu jintużaw għall-ekoloġizzazzjoni, għall-ġardinaġġ vertikali fuq il-bini, jew inkella jista' jkun hemm mandati biex jiġu inklużi spazji ekoloġiċi biex wieħed jirċievi permessi tal-bini. Nikkondividu prattiki innovattivi u l-aħjar prattiki mal-Istati**

**Membri kollha.**

Il-proġetti ta' ġardinaġġ jippromwovu r-reżiljenza tal-bliet u tal-abitanti, filwaqt li jlaqqgħu flimkien persuni ta' etajiet u gruppi soċjali differenti. Aktar spazju ekoloġiku jtejjeb il-kwalità tal-ħajja, il-kwalità tal-arja, is-saħħa mentali u fiżika u l-ambjent.

## Substream 1.2 Edukazzjoni ambjentali

6. **Nirrakkomandaw li l-UE tadotta direttiva li tirrikjedi li l-programmi ta' żvilupp urban jissodisfaw rekwiżiti ambjentali speċifiċi, bl-għan li l-bliet isiru aktar ekoloġiċi. Id-direttiva għandha tapplika għall-proprjetà u spazji privati u pubbliċi, bħal pereżempju l-bini ġdid li qed jiġi żviluppat. Id-direttiva għandha timponi standards minimi biex jiġi żgurat li l-bini u l-ispazji jkunu kemm jista' jkun ekoloġiċi. Il-kelma "ekoloġiċi" hawnhekk tirreferi għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inqas konsum ta' enerġija, livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' CO2 u l-inklużjoni ta' pjanti fil-proġetti tal-arkitettura.**

   Il-bliet aktar ekoloġiċi jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tnaqqis tal-impatti tat-tibdil fil-klima u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, bħal pereżempju s-CO2 u l-ożonu, li jaffettwaw b'mod negattiv lis-saħħa taċ-ċittadini. L-investiment fi bliet aktar ekoloġiċi jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli ta' komunitajiet u dan għandu benefiċċji ekonomiċi u soċjali fit-tul.

7. **Nirrakkomandaw li l-UE, bl-għajnuna tal-Istati Membri, tiżviluppa, tadotta u timplimenta karta Ewropea komuni mmirata lejn kwistjonijiet ambjentali, fil-kumplessità tagħhom. Il-karta tipprovdi qafas għall-Istati Membri biex jiżviluppaw kampanji ta' informazzjoni u ta' taħriġ b'mod regolari, li jixxerrdu mal-kanali tal-media kollha disponibbli u portal ġdid ta' informazzjoni ddedikat apposta għalhekk. Dawn il-kampanji għandhom isiru fl-UE kollha u fil-livelli kollha biex titrawwem sensibilizzazzjoni ambjentali fost iċ-ċittadini kollha.**

   Nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri qed ixekkel l-effettività tal-kampanji eżistenti u qed idewwem l-isforzi biex tiġi miġġielda l-isfida globali li hija t-tibdil fil-klima. Karta komuni trawwem sinerġiji bejn il-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri filwaqt li tiżgura li l-isforzi jkollhom impatt akbar. Barra minn

hekk, tiżgura li tiġi kkomunikata informazzjoni koerenti u konsistenti liċ-ċittadini dwar l-impatt tal-azzjonijiet ta’ kuljum bħall-mezzi ta’ trasport li jagħżlu u t-trattament tal-iskart.

## Stream 2: Nipproteġu l-ambjent tagħna u saħħitna

### Substream 2.1 Ambjent naturali tajjeb għas-saħħa

8. **Nirrakkomandaw sistema ta’ tikkettar unifikata u gradata li turi l-impronta ekoloġika kollha għal kull prodott disponibbli mixtri fl-UE. Il-prodotti minn barra l-UE jridu jirrispettaw din is-sistema ta’ tikkettar b’mod trasparenti. Is-sistema għandha tkun ibbażata fuq kriterji ċari ta’ tikkettar fuq il-prodotti nfushom u għandha tuża, pereżempju, kodiċi QR li jagħti informazzjoni aktar fid-dettall dwar il-prodott.**

   Din l-informazzjoni dwar iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott hija fundamentali għaċ-ċittadini kollha fl-UE biex il-konsumaturi jkunu jagħmlu għażliet infurmati waqt ix-xiri tagħhom. Bħala konsegwenza ta’ dan, iċ-ċittadini tal-UE se jkunu qed jieħdu deċiżjonijiet responsabbli biex jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent tagħhom.

9. **Nirrakkomandaw li għandu jsir aktar investiment finanzjarju biex jiġu esplorati sorsi ġodda ta’ enerġija li jirrispettaw l-ambjent u sa dak iż-żmien isir investiment addizzjonali fis-soluzzjonijiet ottimali eżistenti tal-produzzjoni tal-enerġija. Nirrakkomandaw ukoll li l-pubbliku Ewropew jiġi infurmat u edukat dwar sorsi speċifiċi ta’ enerġija bi trasparenza sħiħa. Nirrakkomandaw ħafna li jitqiesu l-impatti ekoloġiċi u soċjali kollha tal-proċess tal-produzzjoni tal-enerġija għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.**

   Għandna livelli għoljin ħafna ta’ emissjonijiet tal-karbonju u sustanzi tossiċi oħra mill-produzzjoni tal-enerġija li jiddegradaw il-klima u l-kwalità tal-arja. Biex ikunu konformi mad-direttivi Ewropej u mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti tal-IPCC u l-għanijiet tal-COP 26, huma meħtieġa aktar riċerka u investiment biex tinkiseb produzzjoni tal-enerġija newtrali għall-klima.

## Substream 2.2 Nipproteġu l-bijodiversità tagħna

10. **Nirrakkomandaw tnaqqis drastiku tal-pestiċidi u tal-fertilizzanti kimiċi fit-tipi kollha ta' azjendi agrikoli, billi tiġi infurzata l-applikazzjoni ta' standards komuni ogħla, billi tiġi aċċellerata r-riċerka dwar l-alternattivi naturali u billi tiġi appoġġata l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet ġodda, inkluż it-taħriġ għall-bdiewa.**

    Għalkemm sar progress f'fertilizzanti u pestiċidi alternattivi, il-biċċa l-kbira minnhom għadhom ma jistgħux jintużaw mill-azjendi agrikoli l-kbar. Għalhekk huwa meħtieġ sforz aktar konsistenti biex jiġu ġġenerati soluzzjonijiet ġodda. Ir-riċerka għandha titħeġġeġ kemm min-nefqa pubblika kif ukoll minn standards ogħla fl-użu tal-pestiċidi u tal-fertilizzanti. Ir-riżultati tar-riċerka jeħtieġu diffużjoni rapida fuq l-iskala tal-UE.

11. **Nirrakkomandaw l-estensjoni taż-żoni protetti għall-konservazzjoni tal-bijodiversità (inkluż il-mammiferi, l-għasafar, l-insetti u l-pjanti), u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt fir-rigward tal-intervent tal-bniedem f'dawn iż-żoni. Iż-żoni protetti jitqiesu mhux biss bħala gżejjer, iżda bħala continuum ma' żoni urbani aktar ekoloġiċi, skont standards armonizzati tal-UE.**

    Minħabba d-deforestazzjoni, il-bijodiversità qed tiġi affettwata ħafna. Wieħed mill-modi ewlenin ta' kif tiġi protetta l-bijodiversità tal-art hija billi jinħolqu żoni protetti. Madankollu, huwa diffiċli li jinżammu żoni protetti qrib bliet imniġġsa, jew li tiġi evitata l-interferenza tal-bniedem meta l-madwar ma jirrispettax in-natura. Jeħtieġ li nagħmlu ż-żoni tal-għajxien aktar ekoloġiċi u integrati man-natura ta' madwarhom.

12. **Nirrakkomandaw li s-sussidji ġeneriċi għall-agrikoltura jiġu ridirezzjonati lejn proġetti relatati mal-iżvilupp tal-agrikoltura sostenibbli, inkluż ir-rispett għan-natura u għall-ħaddiema. Il-benefiċjarji għandhom jikkonformaw ma' standards ambjentali ċari, u jiġu mmonitorjati b'mod strett.**

    Aħna nemmnu li l-agrikoltura sostenibbli biss għandha titħeġġeġ, u dan ifisser li l-fondi li issa qed jintużaw għas-sussidji ġeneriċi jeħtieġ li jiġu ridirezzjonati. Madankollu, l-effiċjenza tal-fondi użati tista' tiżdied billi tingħata attenzjoni partikolari lill-proġetti trasformattivi u soluzzjonijiet innovattivi, aktar milli lill-

pagamenti annwali. L-impatt ekoloġiku tal-attivitajiet agrikoli u tal-proġetti għandu jiġu mmonitorjati aħjar. Jeħtieġ li jitqiesu wkoll id-drittijiet tal-bniedem tal-ħaddiema bħala parti mis-sostenibbiltà.

13. **Nirrakkomandaw li l-UE tiżgura kompetizzjoni leali għall-prodotti agrikoli li jirrispettaw l-ambjent billi tistabbilixxi standards aktar stretti kemm għall-UE kif ukoll għall-prodotti importati, billi tiżgura t-traċċabbiltà, it-tikkettar u l-kontroll tal-kwalità tagħhom.**

    Il-produttività aktar baxxa tal-prodotti agrikoli sostenibbli taffettwa l-kompetittività tal-kostijiet tagħhom. Il-prodotti importati għandhom jikkonformaw mal-istess standards stretti rigward l-impatt ekoloġiku tal-produzzjoni tagħhom. Neħtieġu awtoritajiet li huma kapaċi jiżguraw it-traċċabbiltà tal-prodotti agrikoli importati.

14. **Nirrakkomandaw riforestazzjoni u afforestazzjoni rapidi u massivi fl-UE, billi jiġi massimizzat l-użu tal-art. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-riforestazzjoni ta' foresti sfruttati jew meqruda u lill-afforestazzjoni taż-żoni b'ħamrija degradata. Għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet ġodda aktar responsabbli għal użu aħjar tal-injam, eż. is-sostituzzjoni tal-plastik u materjali kimiċi oħra, l-iżgurar ta' effiċjenza enerġetika ogħla mill-bijomassa, ir-riċiklaġġ tal-prodotti tal-injam.**

    Ir-riforestazzjoni għandha impatt pożittiv ċar fuq l-ambjent u l-bijodiversità inġenerali. Fl-istess ħin, irridu nużaw inqas injam għan-nar, u minflok nużawh għal prodotti b'valur miżjud għoli, bħal pereżempju għas-sostituzzjonijiet tal-plastik, l-użu tal-injam huwa fundamentali.

## Substream 2.3 Ikel sikur u tajjeb għas-saħħa

15. **Nirrakkomandaw l-eliminazzjoni rapida u progressiva ta' forom mhux sostenibbli ta' imballaġġ tal-ikel, inkluż l-imballaġġ tal-plastik u imballaġġ ta' materjali oħra mhux bijodegradabbli. Nipproponu li dan jinkiseb billi jiġu pprovduti inċentivi finanzjarji lill-kumpaniji li jbiddlu l-imballaġġ tagħhom f'forom kompletament bijodegradabbli, billi jsir investiment fir-riċerka f'alternattivi u billi jiġu introdotti penali għall-kumpaniji li ma jużawx imballaġġ bijodegradabbli.**

L-iskart tal-plastik, b'mod partikolari l-mikroplastik, qed isir dejjem aktar abbundanti u jiddegrada bil-mod. Il-konsum tiegħu jagħmel ħsara lill-kwalità u lis-sikurezza tal-ikel filwaqt li jipperikola s-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali. Barra minn hekk, il-liġi Ewropea eżistenti li għandha l-għan li tnaqqas l-imballaġġ mhux bijodegradabbli mhijiex suffiċjenti.

16. **Nirrakkomandaw li t-trobbija intensiva tal-annimali titneħħa gradwalment, inkluż l-eliminazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-għajxien li ma jirrispettawx l-annimali. Nipproponu l-introduzzjoni ta' normi komuni għat-trobbija tal-annimali (eż. għadd massimu ta' annimali, spazju xieraq fuq barra) u investiment akbar f'metodi mhux intensivi (biedja estensiva u sostenibbli) billi jiġu pprovduti inċentivi finanzjarji u taħriġ lill-azjendi agrikoli biex jappoġġaw din il-bidla.**

    It-tneħħija gradwali tal-biedja intensiva se tnaqqas il-livelli tat-tniġġis ambjentali u ssaħħaħ il-preservazzjoni naturali. Barra minn hekk, it-tneħħija gradwali tat-trobbija intensiva tal-annimali se tnaqqas l-ammont ta' mediċina meħtieġa biex jiġi indirizzat il-mard tal-annimali u b'hekk tittejjeb il-kwalità tal-ikel tagħna. It-trobbija intensiva tal-annimali tonqos ukoll milli tirrispetta l-benesseri tal-annimali iżda jeżistu forom aktar sostenibbli ta' biedja, bħall-biedja estensiva, u huma meħtieġa sussidji biex jgħinu lill-bdiewa jużaw dawn il-forom ta' biedja.

17. **Nirrakkomandaw li jsiru kontrolli aktar stretti fuq il-projbizzjoni tal-użu bla bżonn tal-antibijotiċi u ta' mediċini oħra tal-annimali fl-addittivi tal-għalf għall-annimali: irridu li din issir ir-realtà! Nipproponu li l-użu tal-antibijotiċi jiġi awtorizzat biss fil-biedja meta jkun assolutament meħtieġ biex jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri tal-annimali, minflok b'mod preventiv. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jsir aktar investiment fir-riċerka għal antibijotiċi aktar effiċjenti, filwaqt li jiġu żviluppati alternattivi billi nibnu fuq ir-riċerka eżistenti fl-antibijotiċi.**

    Ir-reżistenza tal-bniedem għall-antibijotiċi titnaqqas meta nieklu ikel minn annimali li ngħataw antibijotiċi. Barra minn hekk, jeħtieġ iż-żmien biex jinħolqu alternattivi xierqa għall-antibijotiċi eżistenti u biex jiġi żgurat li l-bdiewa jkunu konxji u lesti biex jużawhom. Nirrikonoxxu li jeżistu Direttivi Ewropej dwar l-antibijotiċi, iżda dawn ma ġewx implimentati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Fl-aħħar nett, il-mediċini tal-annimali jintużaw ħażin għal skopijiet ta' doping u għalhekk leġiżlazzjoni aktar b'saħħitha dwar dan is-suġġett tħares aktar

il-benessri tal-annimali u ssaħħaħ il-kwalità tal-ħajja tagħhom.

**18. Nirrakkomandaw li l-leġiżlazzjoni Ewropea tirrikjedi dikjarazzjonijiet dwar l-użu ta' sustanzi ormonali u interferenti endokrinali fil-produzzjoni tal-ikel: it-tip, il-kwantità u l-esponiment tal-prodott finali użat. Il-prodotti kollha tal-ikel li jinkludu dawn is-sustanzi għandu jkollhom tikketti dettaljati fuq l-imballaġġ li juru din l-informazzjoni u r-raġunijiet għall-użu tagħhom. Barra minn hekk, irridu naċċelleraw ir-riċerka dwar l-effetti tas-sustanzi ormonali u tal-interferenti endokrinali fuq is-saħħa tal-bniedem.**

Il-prodotti tal-ikel bħalissa m'għandhomx biżżejjed traċċabbiltà, b'mod partikolari fir-rigward tas-sustanzi ormonali u l-interferenti endokrinali. Aħna naħsbu li hija meħtieġa trasparenza fil-produzzjoni tal-ikel biex tiġi żgurata l-akkontabbiltà. Anki għaliex il-konsumaturi għandhom ikunu jafu l-kontenut sħiħ tal-ikel tagħhom u għandhom ikunu jistgħu jagħżlu dak li jieklu liberament. Barra minn hekk, m'hemmx biżżejjed riċerka dwar l-impatt fuq il-bniedem (u r-riskji potenzjali) tal-konsum ta' prodotti tal-ikel b'sustanzi ormonali u interferenti endokrinali.

**19. Nirrakkomandaw li jiġi skoraġġut il-konsum ta' ikel ipproċessat billi jiġi ntaxxat l-ikel mhux tajjeb għas-saħħa u l-fondi miġbura jiġu investiti f'ikel tajjeb għas-saħħa. Nipproponu l-introduzzjoni ta' sistema ta' punteġġ fl-Ewropa kollha għall-ikel tajjeb għas-saħħa bbażata fuq l-aħjar prattiki fl-Istati Membri biex jiġi ttikkettat l-ikel u jiġu infurmati l-konsumaturi dwar il-proprjetajiet tas-saħħa tal-ikel.**

B'dan il-mod, il-fondi miġbura jkunu jistgħu jintużaw bħala riżorsa biex jiġu żviluppati miżuri ta' sensibilizzazzjoni u kampanji promozzjonali, tingħata prijorità lill-ikel tajjeb għas-saħħa fl-edukazzjoni u biex l-ikel mhux tajjeb għas-saħħa jsir inqas viżibbli fis-supermarkets. Ukoll, l-investiment f'ikel tajjeb għas-saħħa jżid is-saħħa ġenerali tal-popolazzjoni, u b'hekk jitnaqqsu l-livelli ta' nfiq pubbliku meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-saħħa li jirriżultaw mill-konsum ta' ikel mhux tajjeb għas-saħħa. Barra minn hekk, aħna naħsbu li t-tassazzjoni u s-sussidji jinċentivaw il-produzzjoni mill-kumpaniji ta' prodotti tal-ikel aktar tajbin għas-saħħa.

## Stream 3: Ridirezzjonar tal-ekonomija u tal-konsum tagħna

### Substream 3.1 Regolazzjoni tal-produzzjoni żejda u tal-konsum żejjed

**20. Nirrakkomandaw li l-UE tieħu aktar azzjonijiet li jippermettu u jinċentivaw lill-konsumaturi jużaw il-prodotti aktar fit-tul. L-UE għandha tiġġieled kontra l-obsolexxenza programmata billi ttawwal il-garanzija tal-prodotti u tistabbilixxi prezz massimu għall-ispare parts wara l-perjodu tal-garanzija. L-Istati Membri kollha għandhom jintroduċu allowance ta' taxxa fuq is-servizzi ta' tiswija kif inhu l-każ fl-Iżvezja. Il-manifatturi għandhom jintalbu jiddikjaraw it-tul ta' ħajja mistenni tal-prodotti tagħhom. L-UE għandha tipprovdi informazzjoni dwar kif il-prodotti jistgħu jerġgħu jintużaw u jissewwew fuq pjattaforma tal-internet u permezz tal-edukazzjoni.**

Is-soċjetà tagħna li tarmi u li tuża darba biss mhijiex sostenibbli minħabba li tiġġenera wisq skart. Bl-implimentazzjoni tal-miżuri proposti nimxu lejn soċjetà li tuża mill-ġdid, issewwi u tnaqqas il-prodotti li tikkonsma, u b'hekk innaqqsu l-konsum żejjed.

**21. Nirrakkomandaw li l-UE tinforza standards ambjentali tal-manifattura aktar stretti u tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti tul il-katina kollha tal-produzzjoni. L-istandards tal-produzzjoni tal-UE għandhom ikunu aktar sostenibbli, armonizzati fl-Istati Membri kollha u applikati għall-oġġetti importati. Dawn għandhom jinkludu wkoll standards soċjali, bħal paga li tiggarantixxi l-għajxien għall-ħaddiema li jipproduċu l-oġġetti u standards ta' xogħol tajbin fil-fabbriki. Il-prodotti li ma jikkonformawx ma' dawn l-istandards għandhom jiffaċċjaw konsegwenzi.**

Huwa importanti li jiġu stabbiliti standards ambjentali u soċjali omoġenji fl-Ewropa biex jiġu żgurat li l-prodotti kollha offruti jiġu prodotti b'mod sostenibbli. Dawn il-miżuri huma kruċjali biex l-ekonomija tagħna tiġi ridirezzjonata u biex jinbidlu x-xejriet tal-produzzjoni tal-kumpaniji.

**22. Nirrakkomandaw li l-UE u l-Istati Membri jintroduċu miżuri biex jillimitaw ir-reklamar għal prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Il-prodotti b'punteġġ baxx ta' sostenibbiltà għandu jkollhom dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà obbligatorja fil-forom kollha ta' reklamar li turi li huma ta' ħsara għall-ambjent. Għall-prodotti li mhumiex sostenibbli, l-UE għandha tipprojbixxi r-reklamar.**

Ir-reklami jippromwovu l-konsum, il-prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent m'għandhomx jiġu promossi. B'dan il-mod in-nies ikunu inqas inklinati li jixtru prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

**23. Nirrakkomandaw li l-UE tistabbilixxi u tespandi l-infrastruttura ta' skemi ta' kapparra u ritorn għall-imballaġġ primarju kollu magħmul mill-ħġieġ, mill-plastik, mill-aluminju eċċ. b'mod omoġenju fl-UE kollha. Kull meta jkun possibbli, il-manifatturi għandhom jerġgħu jużaw il-kontenituri rritornati billi jisterilizzawhom, aktar milli sempliċiment jirriċiklaw il-materjal. Minbarra l-kontenituri tal-ikel u tax-xorb, l-iskema għandha tinkludi wkoll tipi oħra ta' fliexken u kontenituri, bħal fliexken tax-xampù.**

Bħalissa l-konsumaturi qed jarmu wisq imballaġġ li jniġġes u jeqred l-ekosistemi tagħna. L-iskemi ta' kapparra u ritorn jgħinu biex jitnaqqas l-iskart billi jimmotivaw liċ-ċittadini jġibu lura l-pakketti minflok ma jarmuhom. Jekk l-iskema tiġi estiża nkunu nistgħu nużaw inqas riżorsi u nnaqqsu l-ammont ta' skart li nipproduċu.

## Substream 3.2 Innaqqsu l-iskart

**24. Nirrakkomandaw li tiġi promossa implimentazzjoni msaħħa tal-politiki tal-ekonomija ċirkolari fil-livell Ewropew, filwaqt li jiġu mmirati kemm il-korporazzjonijiet kif ukoll liċ-ċittadini, fil-forma ta' inċentivi finanzjarji għal dawk li jikkonformaw magħha.**

Minħabba li jekk il-kumpaniji tal-produzzjoni jnaqqsu l-persunal tagħhom jew saħansitra jkunu inadempjenti/jagħlqu, ħafna nies jispiċċaw bla xogħol. Jekk inħarrġu mill-ġdid il-persuni qiegħda, inkunu qed nippromwovu prattiki sikuri għall-ambjent filwaqt li nrażżnu l-qgħad u nippromwovu l-modernizzazzjoni ta' ekonomija diversifikata.

**25. Nirrakkomandaw li l-UE tirregola l-użu ta' imballaġġ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent (jiġifieri imballaġġ magħmul minn prodotti bijodegradabbli jew riċiklabbli, jew prodotti aktar durabbli, fejn possibbli) u/jew l-użu ta' imballaġġ li jieħu inqas spazju, li jkun fih ukoll, fil-forma ta' kodiċi QR, l-informazzjoni relatata mal-proċess ta' riċiklaġġ u/jew rimi tal-imballaġġ ladarba jkun intuża.**

Minħabba li din ir-rakkomandazzjoni twassal għal inqas imballaġġ, inqas produzzjoni ta' skart u għalhekk inqas tniġġis, u b'hekk ambjent aktar nadif u fl-aħħar mill-aħħar impronta tal-karbonju mnaqqsa. Barra minn hekk, il-piż tat-taxxa fuq il-produtturi jitnaqqas.

## Substream 3.3 Prodotti ġusti, aċċess ugwali u konsum ġust

**26. Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi qafas legali biex tiżgura aċċess affordabbli u aħjar għall-prodotti lokali u ta' kwalità għall-konsumaturi Ewropej kollha.**

Minħabba li bħalissa m'hemm l-ebda fehim komuni, fil-livell tal-UE, ta' x'inhu ikel lokali u ta' kwalità. Din il-lakuna trid tiġi aġġustata.
L-importazzjoni ta' prodotti ta' kwalità baxxa għandha impatt negattiv dirett fuq l-ambjent. Sabiex nindirizzaw it-tibdil fil-klima, irridu niġġieldu kontra l-kawżi kollha tiegħu, inkluż l-importazzjoni ta' prodotti ta' kwalità baxxa: hemm bżonn li nnaqqsu d-distanza tat-trasport, u niffavorixxu l-prodotti staġjonali.
Din ir-rakkomandazzjoni hija promettenti għaliex tista' tapplika wkoll għall-prodotti mhux alimentari.

**27. Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tinkoraġġixxi r-riċerka u l-iżvilupp, bi skemi ta' finanzjament, sabiex tintroduċi prodotti aktar sostenibbli u affordabbli fis-suq Ewropew. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea għandha torganizza konsultazzjonijiet maċ-ċittadini, fil-livelli kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet inkluż il-livell lokali, sabiex tidentifika l-ħtiġijiet tagħhom fir-rigward tal-prodotti sostenibbli.**

Aħna naħsbu li hemm nuqqas ta' riċerka għall-prodotti sostenibbli, u hemm ħtieġa urġenti li jkun hemm aktar fondi allokati għar-riċerka, biex l-Ewropej ikollhom aċċess għal prodotti sostenibbli u aktar affordabbli.

Iċ-ċittadini għandhom jipparteċipaw fil-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet. L-aġenda tal-azzjonijiet ta’ riċerka u innovazzjoni għandha tiġi definita flimkien maċ-ċittadini.
Iċ-ċittadini jeħtieġ li jiġu infurmati dwar is-segwitu u għandhom jirċievu feedback.

**28. Nirrakkomandaw lill-Unjoni Ewropea ssib mekkaniżmu ta’ regolamentazzjoni għall-prodotti tal-moda li jidħlu fis-suq komuni. Dan il-mekkaniżmu jkollu l-għan li jinkoraġġixxi konsum aħjar bis-saħħa ta’ indikatur li jiggarantixxi li l-prodott jissodisfa l-kriterji ta’ sostenibbiltà.**

Is-settur tal-moda, li qed jipproduċi wisq prodotti ta’ kwalità baxxa barra mill-fruntieri Ewropej, ma jsegwix normi etiċi, u mhuwiex sostenibbli.
Irridu nsibu mekkaniżmu ġust li jippermetti konsum aħjar għall-konsumaturi. Madankollu, huwa importanti li ma jiżdidux it-taxxi, li jkollhom impatti negattivi fuq il-konsumaturi Ewropej, billi jnaqqsu s-saħħa tax-xiri tagħhom.
Il-konsumatur għandu jkun jaf f’liema kundizzjonijiet isiru l-prodotti li jixtri, u jekk jissodisfawx normi ta’ kwalità sostenibbli.

## Stream 4: Lejn soċjetà sostenibbli

### Substream 4.1 Enerġija rinnovabbli issa

**29. Nirrakkomandaw li l-UE tieħu miżuri biex tagħmel il-filtri tas-$CO_2$ obbligatorji, speċjalment għall-impjanti tal-faħam, f’perijodu tranżitorju, sakemm għadna niddependu fuq l-enerġija konvenzjonali. Barra minn hekk, nirrakkomandaw li l-UE tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li m’għandhomx ir-riżorsi finanzjarji biex jimplimentaw il-filtri tas-$CO_2$. L-appoġġ jiddependi fuq il-konformità mal-politiki tal-UE dwar il-klima marbuta mal-Ftehim ta’ Pariġi, il-Patt Ekoloġiku u kwalunkwe liġi ġdida dwar il-klima.**
**Dan huwa pass konkret li għandu jittieħed flimkien mal-investiment kontinwu fir-riċerka tal-produzzjoni tal-enerġija sikura u biex l-Istati Membri jiġu appoġġati biex progressivament jiksbu l-miri komuni ta’ tnaqqis li diġà ġew adottati.**

Nafu li l-użu ta’ fjuwils kombustibbli joħloq gassijiet serra, u l-Istati Membri tal-UE jridu jnaqqsu dan it-tip ta’ enerġija biex jikkonformaw mal-Ftehim ta’ Pariġi.

Minħabba li ma nistgħux inwaqqfu l-emissjonijiet tas-CO2 immedjatament, u peress li għadna niddependu fuq il-faħam, irridu nieħdu miżuri kemm fuq terminu qasir kif ukoll fuq terminu twil.
Minħabba li t-tnaqqis tas-CO2 huwa interess komuni li jaffettwa liċ-ċittadini kollha, kemm fl-Istati Membri kif ukoll lil hinn mill-UE, l-UE bħala istituzzjoni għandha r-responsabbiltajiet tagħha stess, u l-istituzzjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet u tippermetti soluzzjonijiet minħabba li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-għanijiet waħedhom.

**30.Nirrakkomandaw li jitnaqqas it-tnissil industrijali intensiv tal-annimali biex titnaqqas il-produzzjoni tal-metan kif ukoll it-tniġġis tal-ilma. Għal dak l-għan, l-UE tirrieżamina l-Politika Agrikola Komuni tagħha biex tidderieġi s-sussidji tagħha lejn agrikoltura sostenibbli u bbażata lokalment, fost oħrajn appoġġata minn skema ta' tikkettar għall-konsumaturi biex ikunu jistgħu jagħrfu l-prodotti tal-laħam sostenibbli. Barra minn hekk, inħeġġu lill-UE biex tinvesti f'metodi għall-użu mill-ġdid ta' materjal ta' skart mill-produzzjoni tal-annimali u industriji oħra.**

Il-popolazzjoni qed tiżdied, u dan ifisser li se jkun hemm aktar domanda għal-laħam fil-futur. Għalhekk, jeħtieġ li nnaqqsu l-konsum tal-laħam.
Aħna nemmnu li peress li l-metan jipproduċi gassijiet serra, it-trobbija tal-annimali hija l-aktar post ovvju biex jibda jitnaqqas dan il-gass.
Ilkoll nafu li jeħtieġ li nikkunsmaw inqas laħam, u għalhekk konsegwenza ta' dan hija li nnaqqsu l-għadd ta' bhejjem tal-ifrat.

**31.Nirrakkomandaw li għalkemm huwa proċess kost-intensiv biex jiġi ġġenerat l-idroġenu ekoloġiku, peress li 75 % tal-enerġija għandha tiġi prodotta sabiex jinkiseb 25 % idroġenu, hemm diversi aspetti pożittivi għal dan it-tip ta' enerġija. L-aħjar soluzzjoni tista' tkun li nipproduċu enerġija mingħajr CO2 filwaqt li niżviluppaw l-idroġenu ekoloġiku. L-enerġija mir-riħ għandha tintuża għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u l-UE għandha tagħmel aktar investimenti u żżid il-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ, kif ukoll taħżen l-enerġija għal skopijiet futuri.**

L-idroġenu ekoloġiku huwa flessibbli u nistgħu naħżnuh, u meta jkun hemm domanda nistgħu nużaw dik l-enerġija. Għax m'hemm l-ebda tniġġis tas-CO2.

## Substream 4.2 Nappoġġaw il-bidla

**32. Nirrakkomandaw li l-UE tistabbilixxi sistema ta' koerċizzjoni u ppremjar biex tindirizza t-tniġġis bħat-tniġġis tal-ilma, tal-ħamrija, tal-arja u t-tniġġis mir-radjazzjoni. Il-ħruġ ta' multi għal min iniġġes, flimkien mal-appoġġ obbligatorju ta' organizzazzjoni esperta, imfassla speċifikament biex tgħin lill-entitajiet jeliminaw it-tniġġis u jirrestawraw l-ekosistema. Din l-organizzazzjoni esperta għandu jkollha rwol ewlieni fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-livell ta' tniġġis.**

Għax huwa importanti li jiġu enfasizzati r-responsabbiltajiet ta' min iniġġes, u li l-entitajiet jiġu stimulati biex inaqqsu t-tniġġis bi sforz għal tniġġis żero. Huwa kruċjali li jkollna pjaneta b'saħħitha peress li hija marbuta direttament mal-benesseri u l-eżistenza futura tagħna.

**33. Nirrakkomandaw li l-UE tistabbilixxi sit web/pjattaforma speċjali vverifikata minn diversi esperti — b'informazzjoni xjentifika aġġornata regolarment u diversa — li tkun faċilment aċċessibbli u trasparenti għaċ-ċittadini kollha. Dan is-sit web/pjattaforma jkun ikkollegat ma' forum fejn iċ-ċittadini u l-esperti jkunu jistgħu jinteraġixxu. Nagħtu parir ukoll li tinbeda kampanja medjatika biex tippromwovi dan is-sit web/pjattaforma (pereżempju permezz tal-media soċjali bħal YouTube, TikTok, LinkedIn).**

Iċ-ċittadini kollha għandu jkollhom sorsi ta' informazzjoni indipendenti bbażati fuq ix-xjenza biex jifhmu l-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima (il-konsegwenzi tiegħu u l-passi meħtieġa biex ireġġgħuh lura), kif ukoll biex jagħrfu l-fake news. Il-kampanja tal-media tippermettilhom ikunu jafu li jeżisti dan is-sit web/pjattaforma. Huwa importanti wkoll li l-informazzjoni pprovduta mis-sit web/mill-pjattaforma tkun tinftiehem miċ-ċittadini kollha, b'aċċess għall-materjal sors għal dawk li jixtiequ jidħlu f'aktar dettall.

**34. Nirrakkomandaw li l-UE tnaqqas l-ammont ta' oġġetti importati li ma jissodisfawx l-istandards tal-UE f'termini ta' impronta ekoloġika.**

Minħabba li, jekk nagħmlu dan, inkunu qed niżguraw li l-oġġetti importati fl-UE jkollhom impronta aktar ekoloġika. L-għan huwa li jitnaqqas it-tniġġis globali. Huwa wkoll importanti li nuru lill-pajjiżi liema standards għandhom jintlaħqu jekk ikunu jridu jesportaw oġġetti lejn l-UE.

**35. Nirrakkomandaw li l-UE tinkoraġġixxi, tippromwovi u tiffaċilita d-djalogu dwar it-tibdil fil-klima bejn il-livelli kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet, mil-livell lokali ħafna (iċ-ċittadini) sal-livell globali (nazzjonali, internazzjonali u interkontinentali), sabiex jiġi ssodisfat it-tħassib tal-partijiet involuti kollha.**

Minħabba li d-djalogu u l-kunsens huma l-aħjar mod biex inlaħħqu mal-isfidi tat-tibdil fil-klima: jekk il-partijiet jifhmu lil xulxin, ikun hemm aktar rieda li jsibu bażi komuni.

## Substream 4.3 Trasport li jirrispetta l-ambjent

**36. Nirrakkomandaw li l-UE tappoġġa finanzjarjament lill-Istati Membri Ewropej sabiex tittejjeb il-konnettività taż-żoni rurali. Dan għandu jsir billi jiġi żviluppat network Ewropew tat-trasport pubbliku bbażat fuq prezzijiet affordabbli (billi tingħata prijorità lit-trasport bil-ferrovija) u b'inċentivi għall-użu tat-trasport pubbliku. Għal dan l-għan, fiż-żoni rurali għandha tiġi żviluppata wkoll il-konnettività tal-internet f'perjodu ta' żmien qasir u realistiku.**

Nirrakkomandaw dan minħabba li m'hemm l-ebda ugwaljanza fl-aċċess għat-trasport pubbliku u fil-konnettività tal-internet bejn iż-żoni rurali u urbani. Proġett Ewropew komuni jissaħħaħ peress li ċ-ċittadini kollha jħossu li għandhom l-istess drittijiet. Network tat-trasport pubbliku u konnettività tal-internet imsaħħa jistgħu jwasslu biex il-popolazzjoni tissetilja fiż-żoni rurali. Dan il-proċess inaqqas it-tniġġis peress li jkun hemm inqas nies jgħixu fi bliet iffullati.

**37. Nirrakkomandaw it-titjib tal-infrastrutturi tat-trasport eżistenti li forsi ma jkunux qed jintużaw jew dawk li għadhom jistgħu jittejbu minn perspettiva ekoloġika (biex jiġu implimentati ferroviji elettriċi). Proċess bħal dan għandu jsir bl-intenzjoni li ma ssirx ħsara liż-żoni ambjentalment protetti.**

It-titjib tal-infrastruttura eżistenti tevita li jintefqu wisq riżorsi u li tiġi kkawżata ħsara liż-żoni protetti li huma importanti għall-konservazzjoni tal-bijodiversità. Aktar infrastruttura ferrovjarja twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 u żieda fil-mobbiltà tal-popolazzjoni miż-żoni urbani għaż-żoni rurali.

38. **Nirrakkomandaw li l-UE tippromwovi x-xiri ta' vetturi elettriċi li jikkonformaw ma' standards tajbin rigward il-ħajja tal-batterija. Dan jista' jsir permezz ta' inċentivi tal-UE li japplikaw għall-Istati Membri kollha u billi jittejbu l-infrastrutturi elettriċi. Fl-istess ħin, l-UE għandha tinvesti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji oħra li ma jniġġsux, bħall-bijofjuwils u l-idroġenu għal dawk il-vetturi li huwa diffiċli li jsiru elettriċi, bħad-dgħajjes u t-trakkijiet.**

Nirrakkomandaw dan minħabba li l-elettriku huwa l-aktar mod rapidu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-vetturi, flimkien ma' sorsi oħra ta' enerġija bħall-idroġenu u l-bijofjuwils. Tabilħaqq, l-aktar soluzzjoni rapida, ekonomika u fattibbli hija l-elettriku, segwita mill-bijofjuwils. Fit-tul, l-idroġenu ekoloġiku għandu jkollu rwol komplementari biex ikopri l-modi tat-trasport li ma jistgħux isiru elettriċi.

## Stream 5: Kura għal kulħadd

### Substream 5.1 Insaħħu s-sistema tas-saħħa

39. **Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tissalvagwardja l-istandards komuni tas-saħħa, iżda tinsisti wkoll għal pagi minimi deċenti, għadd massimu ta' sigħat tax-xogħol u l-istess standards ta' taħriġ, għall-istess ċertifikazzjonijiet, għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea kollha.**

Jekk ma jkollniex standards komuni tal-kura tas-saħħa, pagi komuni u taħriġ komuni għall-ħaddiem fil-kura tas-saħħa, id-differenzi bejn l-Istati Membri jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet żbilanċjati fl-Unjoni Ewropea. L-istandardizzazzjoni tal-kura tas-saħħa tista' tgħin biex ikun hemm sistema aktar b'saħħitha, aktar effiċjenti u aktar reżiljenti (pereżempju l-effetti tal-kriżi tal-COVID fuq l-istabbiltà tas-sistemi tagħna). Tista' tiffaċilita wkoll il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-informazzjoni fis-settur tal-professjonisti tas-saħħa.

40. **Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tiżgura li t-trattamenti fl-UE kollha jkunu tal-istess kwalità u b'kost lokali ġust. Dan jista' jiġi żgurat, pereżempju, bis-saħħa ta' estensjoni tal-kompetenzi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), jew il-ħolqien ta' aġenzija ġdida Ewropea speċjalizzata għall-akkwist pubbliku, li tkun kompetenti biex tinnegozja u tikseb prezzijiet aktar xierqa**

**għall-mediċini għall-Istati Membri kollha. Ir-riskju ta' monopolji tal-industrija farmaċewtika għandu jiġi minimizzat.**

Provvisti u trattamenti mediċi ugwali jiggarantixxu drittijiet ugwali taċ-ċittadini Ewropej kollha fl-UE fi kwistjonijiet tas-saħħa. Kapaċitajiet akbar ta' xiri jiżguraw innegozjar aħjar fl-akkwist pubbliku. Madankollu, dan m'għandux iwassal għal strutturi ta' monopolju u lobbying farmaċewtiku. Il-ġestjoni tal-kriżi tal-COVID kienet eżempju tajjeb ta' ġestjoni kollaborattiva tas-saħħa mill-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

**41. Nirrakkomandaw il-ħolqien ta' bażi tad-*data* Ewropea tal-kura tas-saħħa, li fiha r-rekords mediċi jkunu disponibbli f'każijiet ta' emerġenzi jew mard. Il-parteċipazzjoni għandha tkun fakultattiva, u għandha tiġi żgurata l-protezzjoni tad-*data* personali.**

L-aċċess għad-*data* u l-użu tad-*data* jippermettu rispons fil-pront għal sitwazzjonijiet ta' theddida għall-ħajja. Il-hacking jew l-użu ħażin huma theddidiet kbar għal sistema Ewropea ta' bażi tad-*data* tal-kura tas-saħħa bħal din, u għalhekk id-*data* jeħtieġ li tiġi protetta, filwaqt li l-parteċipazzjoni tibqa' fakultattiva, u t-theddidiet relatati mas-sigurtà ovvjament jeħtieġ li jiġu evitati.

**42. Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tkompli tiżviluppa u tissinkronizza programmi diġà eżistenti ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa, bħalma jsir fil-qafas tal-programm eżistenti Orizzont Ewropa. L-eżiti u r-riżultati akkademiċi għandhom ikunu disponibbli liberament fl-Istati Membri kollha.**

Il-kooperazzjoni xjentifika fil-livell tal-UE tista' tarrikkixxi l-kapaċitajiet u l-għarfien xjentifiċi ta' riċerkaturi individwali. Il-kondiviżjoni tal-għarfien tista', pereżempju, twassal għal dijanjożi bikrija u trattamenti aħjar u b'hekk jitnaqqas il-mard gravi u fatali fl-Ewropa kollha. Trawwem ukoll l-awtosuffiċjenza Ewropea f'termini ta' medikazzjoni u tagħmir.

**43. Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea żżid il-baġit tagħha ddedikat għall-proġetti konġunti ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa (mingħajr tnaqqis fil-baġit fi programmi oħra tal-UE relatati mas-saħħa). Dan isaħħaħ ukoll l-istituzzjonijiet xjentifiċi u ta' riċerka Ewropej b'mod ġenerali.**

Ir-riċerka u l-investimenti relatati mas-saħħa fl-aħħar mill-aħħar isaħħu l-mediċina preventiva u jnaqqsu l-kostijiet relatati mas-saħħa. Aktar finanzjament jista' jipprevjeni l-eżodu ta' mħuħ Ewropej lejn pajjiżi żviluppati oħra b'baġits ogħla għar-riċerka u l-iżvilupp speċifiċi għas-saħħa. Dan il-finanzjament m'għandux ikun ġej minn riżorsi finanzjarji tal-kura tas-saħħa li diġà jeżistu.

## Substream 5.2 Fehim usa' tas-saħħa

**44. Nirrakkomandaw li tiġi stabbilita ġimgħa tas-saħħa bħala inizjattiva tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri kollha, fl-istess ġimgħa, dwar il-kwistjonijiet kollha tas-saħħa b'enfasi speċjali fuq is-saħħa mentali. Matul din il-ġimgħa, is-suġġetti ewlenin kollha dwar is-saħħa mentali jkunu koperti u promossi kollettivament, flimkien ma' inizjattivi oħra li diġà jeżistu, bħal dawk mill-organizzazzjoni Mental Health Europe.**

Nirrakkomandaw dan għaliex iċ-ċittadini Ewropej kollha għandhom iħossuhom aċċettati u inklużi, speċjalment jekk ibatu minn problemi ta' saħħa mentali. Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġi normalizzat u mtejjeb l-għarfien dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, u wkoll jiġu evitati kwistjonijiet soċjali relatati bħad-diskriminazzjoni. Addizzjonalment, peress li l-problemi ta' saħħa mentali żdiedu bil-pandemija u x'aktarx ikomplu jiżdiedu, din l-inizjattiva ssir saħansitra aktar importanti.

**45. Nirrakkomandaw li l-prodotti sanitarji tan-nisa ma jibqgħux jitqiesu bħala prodotti ta' lussu f'dak li għandu x'jaqsam mat-tassazzjoni, peress li huma prodotti essenzjali. Nirrakkomandaw li l-prodotti ta' kontraċezzjoni ormonali użati għal raġunijiet mediċi, bħal fil-każijiet ta' fibromijalġija u endometrijożi, jiġu ntaxxati bħala trattament mediku regolari. Nirrakkomandaw ukoll li l-Unjoni Ewropea tħeġġeġ l-armonizzazzjoni ta' trattamenti riproduttivi assistiti medikament għan-nisa kollha (miżżewġin jew le) fl-Istati Membri kollha.**

F'ċerti pajjiżi Ewropej, il-prodotti sanitarji tan-nisa huma ntaxxati bħala prodotti ta' lussu, u dan huwa inġust. Ċerti kontraċettivi ormonali jintużaw għal skopijiet mediċi u għalhekk għandhom jiġu ntaxxati kif xieraq. Għax it-trattamenti ta' riproduzzjoni tan-nisa, bħall-Fertilizzazzjoni *In Vitro* u l-metodi tal-iffriżar tal-bajd, għandhom kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà differenti fi Stati Membri

differenti, u l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel sforz biex tarmonizzahom.

**46. Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tieħu pożizzjoni b’saħħitha biex tinfluwenza lill-Istati Membri kollha biex fil-kurrikuli tal-iskejjel tagħhom jinkludu, kif xieraq, kwistjonijiet dwar is-saħħa mentali u l-edukazzjoni sesswali. Biex tgħin lill-Istati Membri jadottaw kwistjonijiet bħal dawn fil-kurrikuli tal-iskejjel, l-Unjoni Ewropea għandha tiżviluppa u tagħmel disponibbli programm standard dwar is-saħħa mentali u kwistjonijiet sesswali.**

Hemm bżonn li titnaqqas id-diskriminazzjoni u t-tabù fir-rigward ta’ kwistjonijiet ta’ saħħa mentali. Hemm bżonn ukoll li tiġi evitata l-miżinformazzjoni u approċċi mhux xjentifiċi. Barra minn hekk, l-edukazzjoni sesswali hija fundamentali għal ħajja u komunità b’saħħitha, u tipprevjeni problemi bħal tqala fost l-adolexxenti.

**47. Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tiżviluppa sistema ta’ komunikazzjoni aħjar tal-inizjattivi kollha tagħha dwar is-saħħa mentali, jiġifieri l-Portal tas-Saħħa Pubblika dwar prattiki tajbin, fl-Istati Membri u għaċ-ċittadini kollha. Il-membri tal-Parlament Ewropew jistgħu jippreżentaw dawn il-prattiki tajbin lil xulxin, sabiex isiru aktar magħrufa fl-Istati Membri kollha.**

Iċ-ċittadini mhumiex infurmati sew dwar l-inizjattivi tal-Unjoni Ewropea, u anki għaliex permezz tal-iskambju ta’ prattiki tajbin nistgħu nitgħallmu minn xulxin.

## Substream 5.3 Aċċess ugwali għas-saħħa għal kulħadd

**48. Nirrakkomandaw li l-UE tistabbilixxi u tippromwovi standards minimi għal kura dentali ta’ kwalità, inkluż il-profilassi, għall-Istati Membri kollha tal-UE. Għandha tkun disponibbli kura dentali mingħajr ħlas għat-tfal, għall-gruppi bi dħul baxx u għal gruppi vulnerabbli oħra. Fi żmien 15-20 sena, l-UE għandha tiggarantixxi li kulħadd ikollu aċċess għal kura dentali affordabbli.**

Nirrakkomandaw dan għaliex bħalissa l-kura dentali mhijiex affordabbli għal ħafna nies li jgħixu fl-UE. In-nuqqas ta’ kura dentali u ta’ profilassi dentali joħloqilhom problemi ta' saħħa u jaffettwalhom ħażin il-prospetti tal-ħajja tagħhom. L-UE għandha tibda billi tistabbilixxi standard minimu għall-kura dentali u billi titlob kura dentali mingħajr ħlas lit-tfal u lill-gruppi bi dħul baxx.

Eventwalment, kulħadd għandu jkun intitolat għal kura tas-saħħa dentali ta’ kwalità.

**49.Nirrakkomandaw li s-Saħħa u l-Kura tas-Saħħa jiġu inklużi fost il-kompetenzi kondiviżi bejn l-UE u l-Istati Membri tal-UE. Sabiex tiġi inkluża din il-kompetenza kondiviża ġdida, jeħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).**

Nirrakkomandaw dan għaliex bħalissa l-Unjoni Ewropea m’għandhiex biżżejjed kompetenzi biex tilleġiżla dwar il-kura tas-saħħa. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet il-ħtieġa ta’ preżenza aktar b’saħħitha tal-UE fil-politiki dwar is-saħħa. Din il-bidla fit-Trattat se tippermetti lill-UE taħdem aktar biex tiggarantixxi l-kura tas-saħħa għaċ-ċittadini kollha tal-UE u toħroġ regolamenti u deċiżjonijiet vinkolanti.

**50.Nirrakkomandaw li l-UE tagħmel korsijiet dwar l-għoti tal-ewwel għajnuna disponibbli liċ-ċittadini kollha tal-UE mingħajr ħlas. L-UE tista’ tikkunsidra li tagħmel dawn il-korsijiet obbligatorji għall-istudenti u għall-postijiet tax-xogħol (kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f’dak privat). Dawn il-korsijiet iridu wkoll ikunu prattiċi, rikorrenti u adattati għall-età tal-istudenti. Għandu jkun hemm ukoll għadd minimu ta’ defibrillaturi disponibbli f’postijiet pubbliċi fl-Istati Membri kollha tal-UE.**

Nirrakkomandaw dan għaliex ħafna nies fl-Unjoni Ewropea mhumiex lesti li jaġixxu meta persuna tkun teħtieġ l-għajnuna u ma jafux it-tekniki tal-ewwel għajnuna. Huwa għalhekk li jintilfu ħafna ħajjiet. F’xi postijiet pubbliċi m’hemmx defibrillaturi disponibbli.

**51.Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tiżgura li l-fornituri tal-kura tas-saħħa privata ma jibbenefikawx inġustament mill-fondi pubbliċi u ma jeżawrixxux ir-riżorsi mis-sistemi tas-saħħa pubblika. L-Unjoni Ewropea għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet b’saħħithom lill-Istati Membri biex jiżdied il-finanzjament għall-kura tas-saħħa pubblika.**

Nirrakkomandaw dan għaliex l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom l-obbligu li jiggarantixxu l-aċċess għall-kura tas-saħħa liċ-ċittadini kollha tagħhom. Barra minn hekk, sistema tal-kura tas-saħħa pubblika aktar b’saħħitha tfisser ukoll li nkunu aktar ppreparati għal pandemiji futuri.

## Anness: RAKKOMANDAZZJONIJIET OĦRA LI ĠEW IKKUNSIDRATI MILL-PANEL U LI MA ĠEWX ADOTTATI

## Stream 1: Modi aħjar ta' għajxien

### Substream 1.1 Stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa

**Nirrakkomandaw li l-UE toħroġ rakkomandazzjoni lill-Istati Membri kollha dwar l-aħjar prattiki għall-projbizzjoni jew għar-restrizzjoni tar-reklamar tal-alkoħol u tat-tabakk fil-forom kollha tal-media għall-gruppi ta' kull età, iżda b'enfasi fuq udjenzi żgħażagħ. L-UE għandha tiżgura l-infurzar tal-liġijiet li jirrestrinġu l-bejgħ ta' dawn il-prodotti lill-minorenni. L-Istati Membri kollha għandhom jimplimentaw liġijiet, b'penali, relatati mat-tipjip f'żoni pubbliċi, speċjalment fil-faċilitajiet edukattivi, u joħolqu żoni apposta għat-tipjip.**

Stili ta' ħajja mhux tajbin għas-saħħa ma jistgħux jidhru fir-reklamar u għandhom ikunu inqas viżibbli fil-ħajja pubblika. Barra minn hekk, l-alkoħol u t-tabakk huma wħud mill-aktar sustanzi ta' ħsara użati u din ir-rakkomandazzjoni tipprevjeni l-konsum abbużiv ta' dawn is-sustanzi.

**Nirrakkomandaw li l-UE tappoġġa lill-Istati Membri biex jinkludu lezzjonijiet dwar it-tisjir b'mod sostenibbli, tajjeb għas-saħħa u delizzjuż fil-kurrikuli nazzjonali. L-UE tista' tappoġġa dan permezz ta' gwidi ta' tisjir tajjeb għas-saħħa, kemm online kif ukoll stampati. Dan għandu jiġi reklamat b'mod proattiv fuq il-media tradizzjonali u soċjali sabiex tintlaħaq udjenza żagħżugħa. Għandna wkoll nedukaw lill-ġenituri sabiex jitgħallmu x'inhu l-aħjar mod kif jużaw l-ikel sabiex jadottaw stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa. Għandu jkun hemm riċerka stimulanti u arrikkita f'dan il-qasam.**

Korsijiet dwar it-tisjir u n-nutrizzjoni fl-iskola jtejbu s-saħħa taż-żgħażagħ u jiskoraġġixxu l-konsum tal-fast-food. L-edukazzjoni tat-tfal tippermettilhom jikkondividu dak li tgħallmu mal-ġenituri tagħhom. Barra minn hekk, l-edukazzjoni tal-ġenituri dwar stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa toħloq preċedent tajjeb għat-tfal.

**Nirrakkomandaw li tiġi intensifikata l-kampanja tal-Kummissjoni Ewropea "HealthyLifestyle4All" dwar stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, u l-benefiċċji tal-attività soċjali b'eżempji konkreti u bl-użu ta' approċċ olistiku. Il-kampanji ta' informazzjoni għandhom jiġu definiti fuq gruppi fil-mira strutturati tajjeb, u għandhom jintgħażlu mezzi xierqa ta' komunikazzjoni għal kull wieħed mill-gruppi fil-mira. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġu pprovduti premjijiet u sistemi ta' inċentivi għall-promozzjoni ta' mġiba pożittiva. Il-kampanji għandhom jinkludu influwenzaturi, ċelebritajiet jew awtoritajiet. Għandhom jenfasizzaw il-benefiċċji doppji kemm fuq is-saħħa kif ukoll fuq l-ambjent u l-klima. Barra minn hekk, għandhom ikunu disponibbli sussidji għall-isport pubbliku mingħajr ħlas fl-Istati Membri kollha.**

Stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa għandhom effett pożittiv fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa billi jnaqqsu l-problemi tas-saħħa. Is-saħħa fiżika għandha impatt fuq is-saħħa mentali u l-kuntentizza. Il-kampanji attwali mhumiex magħrufa biżżejjed. L-inklużjoni ta' mudelli eżemplari u influwenzaturi tagħmilhom aktar effettivi u aktar motivanti.

**Nirrakkomandaw kampanja ta' informazzjoni dwar l-ikel tajjeb għas-saħħa u n-nutrizzjoni. L-UE għandha tippromwovi li jiġu adottati taxxi ogħla għal-laħam u għaz-zokkor fl-Istati Membri. Għandha tesplora għażliet biex tiddistingwi ikel tajjeb għas-saħħa minn ikel mhux tajjeb għas-saħħa u tpoġġih f'kategoriji differenti tal-VAT. Nirrakkomandaw li jitqiegħdu sinjali ta' twissija ċari ħafna fuq l-ikel li mhuwiex tajjeb għas-saħħa (bħall-prodotti tat-tabakk). Barra minn hekk, nirrakkomandaw punteġġ ta' nutrizzjoni komuni għall-Ewropa kollha, b'informazzjoni rilevanti u kodiċi QR għall-konsumaturi biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati aħjar. Għandhom jiġu esplorati għażliet biex l-ikel tajjeb għas-saħħa jkun orħos mill-junk food u biex il-produzzjoni ta' prodotti tajbin għas-saħħa tkun aktar attraenti għall-bdiewa.**

L-ikel tajjeb għas-saħħa huwa l-bażi għal għajxien b'saħħtu. Jeħtieġ li jiġu indirizzati kemm in-naħa tal-produzzjoni kif ukoll dik tal-konsumatur. Il-produzzjoni ta' prodotti tajbin għas-saħħa għandha wkoll effetti pożittivi fuq l-ambjent u tista' tgħin fl-appoġġ tal-bdiewa lokali. Jekk ikun hemm aktar produzzjoni ta' ikel tajjeb għas-saħħa, il-prezzijiet jonqsu u d-domanda tiżdied.

### Substream 1.2 Edukazzjoni ambjentali

**Nirrakkomandaw li l-UE tistabbilixxi skema ta' finanzjament biex tinċentiva l-inklużjoni ta' programm ta' edukazzjoni ambjentali fit-tul fis-sistemi tal-edukazzjoni nazzjonali għat-tfal fl-iskejjel primarji u sekondarji. Din l-iskema ta' finanzjament għandha tinkludi fondi allokati għall-ġenituri li jeħtieġu assistenza finanzjarja.**

Is-sistemi tal-edukazzjoni attwali ma fihomx biżżejjed elementi prattiċi li jippromwovu interazzjonijiet diretti u profondi bejn it-tfal u l-ambjent. Il-programmi eżistenti, elaborati minn perspettiva ta' terminu qasir, huma eteroġenji u jonqsu milli jippromwovu l-bidla meħtieġa fl-attitudnijiet. Il-ġenituri għandhom jiġu megħjuna biex jiġi żgurat li t-tfal kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw bl-istess mod mill-programm u l-ebda wieħed minnhom ma jiġi eskluż għal raġunijiet finanzjarji.

## Stream 2: Nipproteġu l-ambjent tagħna u saħħitna

### Substream 2.1 Ambjent naturali tajjeb għas-saħħa

**Nirrakkomandaw l-implimentazzjoni immedjata tal-ogħla standard possibbli tal-kwalità tal-ilma fl-UE kollha. Biex niffrankaw l-ilma, nissuġġerixxu sistema ta' ppremjar li tkun ibbażata fuq l-ipprezzar tal-ilma b'mod li jinkoraġġixxi u jagħti inċentivi għal inqas konsum, eż.: (1) billi tinħoloq sistema dinamika li tħeġġeġ lill-konsumaturi jibqgħu taħt l-ammont medju ta' konsum tal-ilma (jiġifieri żieda fil-konsum tal-ilma b'10 % iżżid il-prezz bi 11 %), (2) billi tinħoloq sistema tas-suq tal-kwoti għall-lima mniġġes mill-kumpaniji tal-manifattura, li hija sistema simili għas-suq tal-permessi tal-karbonju li diġà hija fis-seħħ.**

Din ir-rakkomandazzjoni hija ġġustifikata mill-fatt li ż-żieda fil-prezzijiet hija inċentiv għall-utenti kollha biex jieħdu deċiżjonijiet aktar responsabbli dwar il-konsum tagħhom. Aħna u nqisu r-realtajiet differenti tal-pajjiżi tal-UE u bil-mira li jkollna sistema soċjalment ġusta, nistgħu nappoġġaw lill-popolazzjonijiet ifqar fil-ġestjoni tal-ilma billi ninvestu b'mod konġunt fl-infrastruttura tal-ilma u fir-riċerka.

## Stream 3: Ridirezzjonar tal-ekonomija u tal-konsum tagħna

### Substream 3.1 Regolazzjoni tal-produzzjoni żejda u tal-konsum żejjed

**Nirrakkomandaw li l-UE timponi multi fuq kumpaniji li jarmu l-prodotti mhux mibjugħa ġġenerati minn produzzjoni żejda.**

F'xi każijiet il-kumpaniji jikkunsidraw li huwa aktar profittabbli għalihom li jarmu l-prodotti mhux mibjugħa minflok jirriċiklawhom jew jużawhom mill-ġdid. Għalhekk huwa importanti li tiġi skoraġġuta l-produzzjoni żejda permezz ta' multi sabiex din il-prattika ma tibqax profittabbli għall-produtturi.

### Substream 3.2 Innaqqsu l-iskart

**Nirrakkomandaw li l-UE tiżviluppa u timplimenta politika ta' ġestjoni tal-iskart għall-unitajiet domestiċi/għaċ-ċittadini, b'enfasi fuq l-ammont reali ta' skart li jiġġeneraw, ikkomplementata minn miżuri meħtieġa għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar il-benefiċċji tat-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart u tal-ġbir separat tal-iskart. Il-miżuri li jimmiraw il-familji soċjalment żvantaġġati (eż. familji żgħażagħ bit-tfal, anzjani, eċċ.) għandhom jiġu implimentati wkoll, bi qbil mal-prinċipju "ħadd ma jitħalla jibqa' lura".**

Il-politika għandha l-għan li tiżviluppa approċċ unifikat għall-ġestjoni tal-iskart fl-unitajiet domestiċi, tiffaċilita wkoll il-protezzjoni tal-ambjent permezz tat-tnaqqis tal-iskart, tkompli tistimula l-ekonomija ċirkolari u żżid l-effiċjenza tal-ġbir tal-iskart. Fl-aħħar nett, iżda mhux l-inqas, tagħmel in-nies aktar konxji u responsabbli għall-ambjent.

**Nirrakkomandaw li l-UE tippromwovi l-kompetizzjoni fis-suq ħieles u tistimula lis-settur privat biex jinvolvi ruħu b'mod aktar attiv fit-trattament tal-iskart, inkluż l-ilma mormi, u l-attivitajiet ta' upcycling u riċiklaġġ.**

L-UE hija l-livell it-tajjeb biex timplimenta din ir-rakkomandazzjoni għaliex tikkomplementa d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni

żżid is-soluzzjonijiet innovattivi fil-ġestjoni tal-iskart u ttejjeb il-kwalità tal-ġestjoni tal-iskart kif ukoll il-volum tal-iskart ittrattat minħabba li aktar kumpaniji jipparteċipaw f’dawn l-attivitajiet.

### Substream 3.3 Prodotti ġusti, aċċess ugwali u konsum ġust

**Nirrakkomandaw ir-rilokazzjoni tal-industriji ġewwa l-Unjoni Ewropea sabiex jiġu pprovduti prodotti ġusti ta’ kwalità u jiġu indirizzati l-kwistjonijiet klimatiċi.**

L-Unjoni Ewropea għandha għarfien espert li għandu jiġi promoss fis-suq tagħha stess.
Minħabba d-delokalizzazzjoni tal-industriji barra mill-UE, b’mod partikolari fl-Asja, xi kompetenzi professjonali huma delokalizzati wkoll. Din ir-rakkomandazzjoni tinvolvi t-taħriġ professjonali tal-ħaddiema Ewropej.
Ninsistu fuq il-ħtieġa li tiġi evitata d-delokalizzazzjoni bejn Stati Membri differenti, sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta.
Aħna osservajna li delokalizzazzjoni massiva tal-industriji fid-dinja kollha taffettwa lill-industriji Ewropej. Għalhekk, il-produzzjoni lokali twassal għal ċittadini u ambjent aktar b’saħħithom.

## Stream 4: Lejn soċjetà sostenibbli

### Substream 4.3 Trasport li jirrispetta l-ambjent

**Nirrakkomandaw li l-bliet il-kbar jirċievu sanzjonijiet jew sussidji skont il-prestazzjoni tagħhom fuq it-trasport pubbliku tagħhom fir-rigward tal-ambjent u t-tniġġis (vetturi elettriċi, trasport pubbliku ekoloġiku, il-ħolqien ta’ żoni pedonali, jiġi mħeġġeġ l-użu tar-roti, eċċ.). Il-penali jew is-sussidji mmirati lejn l-awtoritajiet lokali għandhom jiġu applikati b’mod partikolari abbażi tal-bidliet implimentati mill-bliet fit-trasport ekoloġiku filwaqt li jitqies x’inhu l-punt tat-tluq tagħhom. Hija l-Unjoni Ewropea, permezz tal-leġiżlazzjoni tagħha, li għandha tistabbilixxi xi indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward tal-miżuri tat-tniġġis u t-tnaqqis proporzjonali. Dan għandu jsir billi jitqiesu l-punti tat-tluq ta’ kull belt.**

Nirrakkomandaw dan għaliex il-bliet ġew affettwati mit-tniġġis tal-arja, u dan qajjem xi kwistjonijiet dwar is-saħħa. L-iżvilupp ta’ trasport ekoloġiku jtejjeb il-ħajja tan-nies u jnaqqas l-effett serra. Is-sussidji u s-sanzjonijiet huma miżuri effettivi biex jippromwovu bidliet u jgħinu biex wieħed jadatta għal sitwazzjonijiet differenti li jeżistu fi bliet differenti.

**Nirrakkomandaw li l-leġiżlazzjoni tal-UE tillimita u tirregola l-użu ta’ titjiriet qosra u bastimenti tal-kruċieri. Iridu jiġu pprovduti alternattivi ekoloġiċi għan-nies f’dak li għandu x’jaqsam mat-trasport. Waħda minn dawn l-alternattivi għandha tkun l-istandardizzazzjoni tal-binarji ferrovjarji sabiex jiġu konnessi l-bliet kapitali Ewropej. Nirrakkomandaw ukoll li l-UE tagħti sussidji biex jinbidel it-trasport tal-merkanzija biex isir aktar ekoloġiku, bħat-trasport bil-ferrovija u bil-baħar (fi vjaġġi fuq distanzi qosra).**

Nirrakkomandaw dan minħabba li l-vjaġġi fuq distanzi qosra huma frekwenti wisq, iniġġsu u jistgħu jiġu sostitwiti faċilment. Il-limitazzjoni tal-bastimenti tal-kruċieri tnaqqas it-tniġġis marittimu (problema ambjentali kritika) u l-impatt negattiv fil-bliet kostali. Għalhekk, jeħtieġ li noħolqu alternattivi aktar affordabbli meta mqabbla ma’ dawk li jniġġsu aktar. Jekk ikollna l-istess wisa’ tal-binarji ferrovjarji nkunu nistgħu ntejbu l-konnessjonijiet ferrovjarji bejn il-bliet kapitali.

## Stream 5: Kura għal kulħadd

### Substream 5.2 Fehim usa’ tas-saħħa

**Nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea, f’konformità mal-kampanja tagħha HealthyLife4All, tippromwovi wkoll inizjattivi bħal avvenimenti soċjali sportivi, attivitajiet sportivi fl-iskejjel, Olimpijadi biannwali miftuħa għall-gruppi ta' kull età, u għall-isport kollu [mhux għall-professjonisti]. Nirrakkomandaw ukoll l-iżvilupp ta’ app Ewropea tal-isport mingħajr ħlas biex tinċentiva attivitajiet sportivi kollettivi. Din l-app għandha tgħin lin-nies biex jingħaqdu flimkien permezz tal-isport. Barra minn hekk, dawn l-inizjattivi għandhom jiġu ppubbliċizzati u kkomunikati b’mod wiesa’.**

Sabiex il-popolazzjoni Ewropea tkun aktar b’saħħitha, l-Unjoni Ewropea għandha tippromwovi l-isport u stili ta’ ħajja tajbin għas-saħħa. Barra minn hekk, ħafna drabi l-popolazzjoni ma tkunx konxja tar-relazzjoni bejn l-isport u ħajja b’saħħitha. L-app hija importanti għaliex in-nies huma aktar suxxettibbli li jagħmlu l-isport jekk jagħmluh ma’ xi ħadd ieħor.